TIBDIL TA' KUNJOM

L-INTERESS PUBBLIKU

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April 2019**

**Kawza Numru : 13**
**Rikors Guramentat Numru : 263/2018/LSO fl-ismijiet:**

**Rajmondo Grixti (K.I. nru 0200253M) u martu Theresa Griscti (K.I. nru 0296454M), Carmelo Griscti (K.I. nru 0507256M) u martu Maria Griscti (K.I. nru 0541258M), Nazzarenu Griscti (K.I. nru 0469148M), Tarcisio Griscti (K.I. nru 0508054M)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku u Direttur tal-Passaporti**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti kollha datat 21 ta' Marzu 2018 fejn Raymond Grixti bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi l-ahwa rikorrenti Raymond, Carmelo Nazzarenu u Tarcisio huma ulied il-mejjet Anotnio Griscti, li twieled iz-Zurrieq fis-27 ta' Ottubru 1911, u dan skont l-att tat-twelid bin-numru tal-iskrizzjoni 5770/1911 (arblu tar-razza anness Dok 'G').

Illi l-att tat-twelid ta' Antonio Griscti kien gie redatt bil-lingwa Taljana tant illi missieru, u cioe` n-nannu patern tal-ahwa rikorrenti, kien gie mnizziel bhala "FRANCESCO GRISCTI" (anness Dok 'G1'). Illi skont l-istess att, Francesco Griscti ma kienx jaf jikteb u ghaldaqstant ma kellux jedd fuq kif kellu jinkiteb kunjomu.

Illi di fatti, il-kunjom tan-nannu patern (Francesco) kien jigi miktub bil-lingwa Maltija, u cioe` "GRIXTI" u dan kif korroborat mill-ktieb tax-xoghol u minn estratt tal-att tat-twelid ta' Antonio stess (annessi bhala Dok 'G2' u 'G3').

Illi skont estratti tal-atti tal-mewt ta' Antonio u martu Pawla, genituri tal-ahwa rikorrenti, bin-numru tal-iskrizzjoni 174/1984 u 1590/1993 rispettivament, il-kunjom tnizziel bhala "GRIXTI" (anness bhala 'Dok G4').

Illi sehhet traduzzjoni fil-kunjom tal-missier li holqot indikazzjoni zbaljata tal-kunjom in kwistjoni u li baqghet tigi riflessa fir-registrazzjonijiet segwenti tar-rikorrenti, b'tali mod illi nholqot anomalija bejn l-kunjom tar-rikorrenti u l-familjari taghhom stess.

Illi infatti, l-isem u l-kunjom tal-missier Antonio tnizzel b'mod differenti fl-atti civili ta' uliedu r-rikorrenti (annessi bhala 'Dok GS'), tanti illi:

i. Fl-att ta' twelid tar-rikorrent Rajmondo bin-numru tal-iskrizzjoni 2002/1953, il-missier tnizzel bhala "TONI GRIXTI";

ii. Fl-att ta' twelid tar-rikorrent Carmelo bin-numru tal-iskrizzjoni 5072/1956, il-missier tnizzel bhala "ANTONIO GRISCTI";

iii. Fl-att ta' twelid tar-rikorrent Nazzarenu bin-numru tal-iskrizzjoni 4691/1948, il-missier tnizzel bhala "ANTONIO GRISCTI";

iv. Fl-att ta' twelid tar-rikorrenti Tarcisio bin-numru tal-iskrizzjoni 5080/1954, il-missier tnizzel bhala "ANTONIO GRISCTI";

v. Fl-att ta' tewlid ta' hu r-rikorrenti Guzeppi, li m'ghandux interess fil-kawza peress li kien emigra l-Kanada u ma hemmx kuntatt mieghu, bin-numru tal-iskrizzjoni 1045/1939, il-missier kien tnizzel bhala "ANTONIO GRIXTI".

Illi in oltre, din il-varjazzjoni fil-kunjom giet riflessa sussegwentament fl-atti taz-zwieg tar-rikorrenti (annessi bhala 'Dok G6') tant illi:

vi. Fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti Rajmondo u Theresa bin-numru tal-iskrizzjoni 848/1979, l-kunjom tar-rikorrenti u ta' missieru tnizzel bhala "GRISCTI";

vii. Fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti Carmelo u Maria bin-numru tal-iskrizzjoni 834/1980, l-kunjom tar-rikorrenti u ta' missieru tnizzel bhala "GRISCTI";

viii. Mentri min-naha l-ohra, fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti Nazzarenu u martu bin-numru tal-iskrizzjoni 961/1978, l-kunjom tnizzel bhala "GRISCTI SIVE GRIXTI" u fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti Tarcisio u martu bin-numru tali skrizzjoni 2250/1981, il-kunjom tnizzel bhala "GRIXTI".

Illi din l-anomalija fir-registrazzjonijiet indikati hawn fuq tirrizulta wkoll fid-dokumenti ufficjali tal-identita` tar-rikorrenti lkoll, minbarra tal-ahwa Tarcisio u Nazzareno, fejn fuq il-karta tal-identita` taghhom il-kunjom qieghed imnizzel bhala "GRIXTI" mentri fil-passaporti qieghed imnizzel bhala "GRISCTI" (annessi Dok 'G7'). In oltre, ir-rikorrenti jsostnu

illi dejjem kitbu kunjomhom bhala "GRIXTI" u difatti hekk huma maghrufin fil-hajja ta' kuljum, u dan kif jirrizulta minn kontijiet bankarji, atti taz-zwieg tal-knisja, certifikati akkademici u ohrajn, kif ser jintwera matul dawn il-proceduri.

Illi wlied ir-rikorrenti kollha qeghdin imnizzlin bil-kunjom "GRIXTI".

Illi din l-indikazzjoni giet hekk mibdula u/jew tradotta minghajr ebda konsistenza, unikament mir-Registru Pubbliku u l-awtoritajiet assocjati mad-direttorat tar-registrazzjoni Civili, u b'hekk inholqot diskrepanza sfaccjata li mhux biss holqot u ghadha tohloq problemi u diffikultajiet prattici fil-hajja civili tar-rikorrenti (bhal fil-kaz ta' banek, ajruporti, u awtoritajiet ohrajn) izda tikkostitwixxi wkoll rapprezentazzjoni inveritiera tal-identita` tal-partijiet milquta.

Illi r-rikorrenti jaqblu Ikoll illi l-kunjom miktub fl-atti Civili kollha taghhom u fil-passaporti hekk kif elenkati fl-anness Dok 'GX' ghandu jigi mnizzel bil-lingwa Maltija, u cioe` bhala "GRIXTI".

Illi dawn il-fatti huma kollha maghrufa lill-esponenti personalment.

Ghaldaqstant, l-esponenti qeghdin jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi hemm inkonsistenza u li sar zball evidenti fil-kunjom ta' missier ir-rikorrenti kif ukoll f'dak tan-nannu

patern, u dan billi gie miktub b'mod differenti fl-atti tat-twelid u taz-zwieg tar-rikorrenti;

2. Tordna illi fejn hu miktub il-kunjom tar-rikorrenti u ta' missierhom ghandu jigi miktub bil-lingwa Maltija u cioe` "GRIXTI" u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjoni kollha necessarji fl-atti tal-istat Civili fl-elenku anness bhala b'tali mod illi jidher il-kunjom "GRIXTI" minflok "GRISCTI";

3. Illi fin-nuqqas tordna li jsiru l-annotazzjonijiet f' dawn l-atti hemm elenkati sabiex jitnizzel "GRIXTI sive GRISCTI".

4. Tordna lid-Direttur tal-Passaporti u l-Ufficjal Ewlieni fl-Ufficcju tal-Passaporti sabiex johorgu l-passporti relattivi li jinsabu fl-istess elenku anness bhala 'Dok GX' u jirriflettu l-imsemmija korrezzjoni jew annotazzjoni;

5. Tordna illi dawn il-korrezzjonijiet isiru ghas-spejjez tal-intimati *in solidum* jew min minnhom.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta’ Mejju 20178

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tad-Direttur tal-Passaporti, datata 9 ta’ Mejju 2018 (fol 38) fejn Av. Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat is-segwenti:

Illi preliminarjament l-esponenti teċċepixxi illi f'azzjonijiet ta' din in-natura, il-korrezzjonijiet dejjem isiru biss fl-Atti tal-Istat Ċivili ta' persuna u mhux fid-dokumenti uffiċjali. Għaldaqstant l-esponenti hija tal-umli fehma illi d-Direttur tal-Passaporti ma huwiex leġittimu kontradittur u dan tenut kont tal-fatt illi r-raba' talba ma tistgħax tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti għar-raġuni fuq imsemmija;

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ukoll teċċepixxi illi r-rikorrenti ma ddikjarawx abbażi ta' liema artikolu qed isejsu l-azzjoni odjerna. Għaldaqstant, bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti tirriżerva d-dritt tagħha li tissolleva eċċezzjonijiet ulterjuri u dan jekk ir-rikorrenti jissorvolaw din l-eċċezzjoni preliminari;

3. Illi bla ħsara għal premess, l-esponenti huwa essenzjali ghall-integrita` tal-ġudizzju li r-rikorrenti jitolbu *ai termini* tal-Artikolu 175 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-segwenti korrezzjonijiet, u ċioe`:

i. Korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens illi l-atturi għandhom jidhru kollha bħala 'Griscti' u mhux bħala 'Grixti', u dan *stante* li l-ewwel kunjom huwa dak li jappartjeni lilhom;

ii. Korrezzjoni fl-ewwel premessa tar-rikors ġuramentat, u dan sabiex id-data tat-twelid ta' missier ir-rikorrenti tiġi taqra '27 ta' Ottubru 1911' minflok '11 ta' Ottubru 1911', u dan *stante* li l-ewwel data hija d-data korretta kif tidher fl-Att tat-Twelid anness mar-rikors promotur u mmarkat bħala 'Dok. G1';

iii. Korrezzjoni fir-raba' premessa tar-rikors ġuramentat, u dan sabiex in-numru ta' iskrizzjoni tal-Att tal-Mewt ta' missier ir-rikorrenti jkun jaqra '174/1984' minflok '174/1948, u dan *stante* li l-ewwel numru ta' skrizzjoni huwa dak korrett, hekk kif jidher fl-Att tal-Mewt tal-istess, anness mar-rikors promotur u mmarkat bħala 'Dok. G4';

4. Illi bla preġudizzju għal premess, huwa meħtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi bla ħsara għas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tirrileva li mhijiex edotta mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

6. Illi *stante* t-talba kif dedotta, tajjeb li jkun sottolinejat illi l-liġi nostrana tagħti biss lok għal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero` jekk ma jkunx hemm xi żball ġenwin li għandu jkun wieħed ċar u evidenti, hekk kif ġie enunċjat fid-dibattiti parlamentari u ġurisprudenza nostrana;

7. Illi minkejja s-suespost, fil-każ odjern ma jidhirx li hemm żball u dan kif jidher ċar u evidenti mis-segwenti osservazzjonijiet tal-esponenti:

a. Illi fl-Att tat-Twelid tan-nannu tar-rikorrenti u ċioe` Francesco Griscti, bin-numru progressiv 2586 tas-sena

1884, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 1', jidher illi:

i. Isem u kunjom il-bużnannu tar-rikorrenti ġew mniżżel bħala 'Salvatore GRISCTI',

ii. Isem u kunjom il-bużnanna tar-rikorrenti ġew imniżżla bħala 'Michelina wife to the above Salvatore GRISCTI'.

b. Illi fl-Att tat-Twelid ta' missier ir-rikorrenti u ċioe` Antonio Griscti, bin-numru progressiv 5770 tas-sena 1911, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 2', jidher illi:

i. Isem u kunjom in-nannu tar-rikorrenti ġew imniżżla bħala 'Francesco GRISCTI', u

ii. Isem u kunjom in-nanna tar-rikorrenti ġew imniżżla bħala 'Paola, *moglie del detto* Francesco GRISCTI',

c. Illi fl-Att tat-Twelid ta' Ġużeppi Griscti (ħu r-rikorrenti iżda mhux parti minn din il-kawża), bin-numru progressiv 1045 tas-sena 1939, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 3', jidher illi:

i. Isem u kunjom missier ir-rikorrent ġew imniżżla bħala 'Antonio GRISCTI', tant illi missier ir-rikorrent stess meta ddikjara u ffirma għall-informazzjoni inserita fl-Att tat-Twelid imsemmi, ffirma bl-isem ta' 'Antonio Griscti';

ii. Isem u kunjom omm ir-rikorrent ġew imniżżla bħala 'Pawla wife of the said Antonio Griscti';

d. Illi fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent Nazzarenu Griscti, bin-numru progressiv 4691 tas-sena 1948, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 4', jidher illi:

i. Isem u kunjom missier ir-rikorrent ġew imniżżla bħala 'Antonju GRISCTI', tant illi missier ir-rikorrent stess meta ddikjara u ffirma għall-informazzjoni inserita fl-Att tat-Twelid imsemmi, ffirma bl-isem ta' 'A.Griscti';

ii. Isem u kunjom omm ir-rikorrent ġew imniżżla bħala 'Pawla *wife of the said* Antonju Griscti';

e. Illi fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent Raymond Griscti, bin-numru progressiv 2002 tas-sena 1953, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 5', jidher illi:

i. Isem u kunjom missier ir-rikorrent ġew imniżżla bħala 'Toni GRISCTI', tant illi missier ir-rikorrent stess meta ddikjara u ffirma għall-informazzjoni inserita fl-Att tat-Twelid imsemmi, iffirma bl-isem ta' 'Toni Griscti';

ii. Isem u kunjom omm ir-rikorrent ġew imniżżla bħala 'Paulina *wife of the said* Toni Griscti';

f. Illi fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent Tarcisio Griscti, bin-numru progressiv 5080 tas-sena 1954, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 6', jidher illi:

i. Isem u kunjom missier ir-rikorrent ġew imniżżla bħala ‘Antonio GRISCTI’, tant illi missier ir-rikorrent stess meta ddikjara u ffirma għall-informazzjoni inserita fl-Att tat-Twelid imsemmi, ffirma bl-isem ta’ ‘A.Griscti’;

ii. Isem u kunjom omm ir-rikorrent ġew imniżżla bħala ‘Pawla *wife of the said* Antonio Griscti’;

g. Illi fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent Cramelo Griscti, bin-numru 5072 tas-sena 1956, hawn anness u mmarkat bħala ‘Dok. DRP 7’, jidher illi:

i. Isem u kunjom missier ir-rikorrent ġew imniżżla bħala ‘Antonio GRISCTI’, tant illi missier ir-rikorrent stess meta ddikjara u ffirma għall-informazzjoni inserita fl-Att tat-Twelid imsemmi, iffirma bl-isem ta’ ‘Toni Griscti’;

ii. Isem u kunjom omm ir-rikorrent ġew imniżżla bħala ‘Pawla *wife of the said* Antonio Griscti’;

8. Illi *stante* s-suespost, jidher biċ-ċar illi l-kunjom tal-familja minn dejjem kien GRISCTI u mhux GRIXTI. Għaldaqstant, l-esponenti hija tal-umli fehma illi t-talbiet kif dedotti ma jimmeritawx li jiġu milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti;

9. Illi l-eponenti tissottometti illi fi kwalunkwe’ każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas

ta' aġir tal-konvenuti u kwindi dawn ma għandhomx jiġu assoġġettati għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat ir-rikors ta' Raymond Grixti et datata 19 ta' Lulju 2018 a fol 105 tal-process fejn l-esponenti talab lill-Qorti joghgobha tippermetti korrezzjoni fir-rikors guramentat sabiex l-okkju jigi sostitwit : Rajmondo Grixti (K.I. nru 0200253M) u martu Theresa Griscti (K.I. nru 0296454M), Carmelo Griscti (K.I. nru 0507256M) u martu Mary Griscti (K.I. nru 0541258M), Nazzarenu Griscti (K.I. nru 0469148M), Tarcisio Griscti (K.I. nru 0508054M); u l-Qorti ordnat in-notifika ghar-risposta; rat ir-risposta, laqghet it-talba u ordnat li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega kif jidher bid-digriet moghti fl- 24 ta' Settembru a fol 112 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis 14 ta' Frar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Nikol Caruana ghall-attur prezenti fl-Awla, u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2019 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fid-29 ta' Marzu 2018 (fol 32) u b'hekk ir-raba' eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

Illi t-tielet eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni fl-okkju tat-talba tar-rikorrenti, awtorizzata b'digriet tal-24 ta' Settembru 2018, b'hekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Referibbilment ghall-ewwel eccezzjoni, din il-Qorti taqbel li f'azzjonijiet ta' din in-natura il-korrezzjonijiet isiru primarjament fl-atti tal-istat civili ta' persuna. Illi l-Agenzija li temani l-passaporti ghandha tadotta il-konnotati kif imnizzla u korretti fl-atti civili tal-persuni, kemm-il darba dawn jigu ordnati.

**Ghalhekk, din il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, li d-Direttur tal-Passaporti ma huwiex il-legittimu kontradittur, u tillebarah mill-osservanza tal-gudizzju.**

B'referenza ghat-tieni eccezzjoni, r-rikorrenti indikaw li l-kawza odjerna hi msejsa fuq l-artikolu 253(1) tal-Kap 16 fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2018 (fol 85) b'hekk it-tieni eccezzjoni hija wkoll sorvolata.

**Provi:**

**Raymond Griscti** xehed permezz ta' affidavit (fol 87-88) u qal li sa minn meta kien l-iskola kien dejjem jikteb kunjomu bhala "Grixti" u dejjem gie mghallem jiktbu b'dan il-mod. Semma li kemm f'korrispondenza u dokumenti ufficjali u kif ukoll fil-passaport fit-tmeninijiet, kunjomu kien dejjem indikat bhala "Grixti". Semma wkoll, li anke meta gie msejjah bhala gurat kunjomu kien indikat bhala "Grixti". Zied ighid li meta zzewweg lil Theresa fl-1979, il-kunjom fic-certifikat tal-knisja tnizzel bhala "Grixti". Spjega li uliedu Licoln u Stephania jiktbu kunjomhom ukoll bhala Grixti. Qal li nqalghet problema biss meta gie biex igedded il-passaport ghat-tielet darba xi tlett snin ilu, fejn qalulu li ser jitnizzel kif kien indikat fl-att taz-zwieg u cioe` "Griscti". Spjega li meta nqalghet din il-problema tkellem ma' hutu l-ohra izda meta saqsa lill-kugini hadd ma jidher li kellu din il-problema.

**Theresa Griscti** xehdet permezz ta' affidavit (fol 89) u qalet li sa minn qabel ma zzewget lil Raymond dejjem tafu jikteb kunjomu bhala "Grixti", u wara z-zwieg hadet il-kunjom "Grixti" u d-dokumenti ufficjali taghha kienu kollha indikati bhala "Grixti". Semmiet li meta kienet tiehu hsieb liz-zija ta' Raymond, Carmen Grixti, dejjem taf li kienet tiffirma kunjomha bhala Grixti, u l-karta tal-identita` taghha wkoll kienet imnizzla bhala "Grixti". Qalet li Carmena kienet tatha l-ktieb tax-xoghol tan-nannu ta' Raymond li kien imnizzel bil-kunjom "Grixti". Qalet li l-korrispondenza personali li hi tircievi hija kollha mnizzla bil-kunjom "Grixti" kif inhi indikata wkoll fil-karta tal-identita` taghha.

**Carmelo Griscti** xehed permezz ta' affidavit (fol 90) u qal li kunjomu dejjem kitbu bhala "Grixti" sa minn zmien l-iskola. Qal ukoll li uliedu Dorianne u Darren ukoll juzaw il-kunjom "Grixti". Qal li meta martu marret biex issiefer f'Lulju 2017 kellha problema minhabba l-kunjom u sussegwentement tkellem ma' huh Raymond li qallu li kellu l-istess problema.

**Mary Griscti** xehdet permezz ta' affidavit (fol 91) u kkonfermat dak kollu li qal zewgha Carmelo. Qalet li hi dejjem uzat il-kunjom "Grixti" izda meta siefret kienet inqalghet problema minhabba l-kunjom, peress li recentement il-passaport kien gie mnizzel bhac-certifikat taz-zwieg taghha u cioe` bil-kunjom "Griscti".

**Nazzareno Griscti** xehed permezz ta' affidavit (fol 92) u qal li hu dejjem iffirma u kien indikat bhala "Grixti". Semma li uliedu Clifton u Chantelle huma wkoll imnizzlin bhala "Grixti". Hu kkonferma li llum hu ghadu jiffirma bil-kunjom "Grixti" ghalkemm meta biddel l-ahhar il-passaport hu gie indikat bil-kunjom "Griscti" ghax qalulu li hekk kien imnizzel.

**Tarcisio Galea** xehed permezz ta' affidavit (fol 93) u qal li minn dejjem jiftakar jikteb kunjomu bhala "Grixti". Spjega li hu ma tantx jaf jikteb u jaqra u meta zzewweg martu hadet kunjomu Grixti bl-'x', u hi dejjem hadet hsieb id-dokumenti. Sussegwentement, qal li kellmuh hutu u spjegawlu li kien hemm problema fuq il-kunjom, izda hu ghadu jiffirma kunjomu bl-'x'.

**Sonia Ekezie** *Manager* fir-Registry ta' Identity Malta, xehdet (fol 116-120) u qalet li atti tal-istat civili kienu jintlew minn rapprezentanti tar-Registru Pubbliku. Hija giet referuta ghal

fol 13 komparat ma' fol 47, u giet mistoqsija kif fl-att modern, l-istess persuna Raymond Grixti hu mnizzel bl-'x' u mhux bl-'sc' u fl-att antik hu indikat bl-'sc'. Hi kkonfermat li z-zewg atti huma mahruga mir-Registru Pubbliku, u ghalhekk jirrizulta li hemm inkonsistenza. Spjegat, li l-informazzjoni tittiehed mill-att tat-twelid. Spjegat li meta jkun hemm inkonsistenza, dejjem jirreferu ghall-att originali ta' meta saret in-notifikazzjoni, u f'kaz taz-zwieg meta saru l-applikazzjoni tat-tnidijiet, u dejjem jirreferu skont l-original. Kemm id-dokument a fol 13 u a fol 47 huma tal-istess persuna, wiehed hu taz-zwieg u l-iehor tat-twelid. Hi kkonfermat li hemm diskrepanza billi fl-att tat-twelid, il-missier Toni Grixti qieghed bl-'x' u f'taz-zwieg il-kunjom qieghed indikat bl-'sc'. B'referenza a fol 18 komparat ma' fol 13 taht hemm imnizzel R. Grixti u T Borg. Hi kkjarifikat li meta tigi l-persuna r-Registru Pubbliku, l-informazzjoni tittiehed skont ma' jaghmel in-'notifier', u jimxu fuq l-ID card.

**<u>Dritt:</u>**

Ikkonsidrat li t-talba odjerna hija ghat-tibdil fil-kunjom (*nom de famille*) u mhux fil-prenom tar-rikorrenti.

Illi gie eccepit mill-intimat, li l-kunjom tal-familja jidher li kien "Griscti" mhux "Grixti". Difatti, gie esebit Dok DRP1, l-att tat-twelid tan-nannu tar-rikorrenti Francesco Griscti, l-att tat-twelid ta' missier ir-rikorrenti Antonio, Dok DRP2, l-att tat-twelid ta' hu r-rikorrenti Guzeppi, Dok DRP3, l-att tat-twelid tar-rikorrent Nazzareno Dok DRP4, u l-att tat-twelid tar-rikorrent Raymond Dok DRP5, l-att tat-twelid tar-rikorrent Tarcisio Dok DRP6, u l-att tat-twelid tar-rikorrent Carmelo Dok DRP7, fejn kollha huma indikati bil-kunjom "Griscti".

Jigi osservat li dan il-fatt jinsab rifless ukoll f'uhud mid-dokumenti esebiti mir-rikorrenti mar-rikors promotur. Difatti, l-atti esebiti bhala Dok G5, l-atti kollha tat-twelid tar-rikorrenti Rajmondo, Carmelo Nazzareno, Tarcisio u Guzeppi (mhux parti f'dan il-kaz) u l-atti esebiti bhala Dok G6, l-atti taz-zwieg ta' Rajmondo u Theresa, l-att taz-zwieg ta' Carmelo u Maria, u l-att taz-zwieg ta' Nazzareno u martu, il-kunjom tnizzel bhala Griscti.

Jirrizulta li inholqot inkonsistenza fil-kunjom fir-registrazzjoni tal-atti civili, billi jirrizulta, li r-rikorrenti esebew xi dokumenti fejn il-kunjom jidher indikat bhala "Grixti" bl-"x". F'Dok G3, estratt tat-twelid ta' Antonio Griscti, missier ir-rikorrenti, kunjom missieru tnizzel u hu indikat bhala Francis Grixti. Illi, fl-att tat-twelid tar-rikorrent Raymond numru 2002 tas-sena 1953, esebit a fol 13, missier ir-rikorrent Raymond hu referut bhala "Grixti", u d-dikjarant f'dak l-att kien proprju missier ir-rikorrent Toni Grixti. Madankollu, fl-att taz-zwieg tal-istess rikorrent Raymondo esebit a fol 18, il-kunjom indikat huwa "Griscti". F'Dok DRP5 a fol 47, l-att tat-twelid antik tar-rikorrent Rajmondo, kunjom missieru hu indikat bhala "Toni Grixti".

Sonia Ekezie Manager fir-Registry ta' Identity Malta spjegat li meta jkun hemm inkonsistenza, dejjem jirreferu ghall-att originali ta' meta saret in-notifikazzjoni. Hi kkonfermat li d-dokument a fol 13 u a fol 47 huma tal-istess persuna, u cioe` tar-rikorrent Raymond, wiehed hu taz-zwieg u l-iehor tat-twelid. Hi kkonfermat li hemm diskrepanza billi fl-att tat-twelid, il-missier Toni Grixti qieghed bl-'x' u f'taz-zwieg il-kunjom qieghed indikat bl-'sc'. B'referenza a fol 18 l-att taz-

zwieg, taht hemm imnizzel R. Grixti u T Borg bhala dikjaranti. Hi kkjarifikat li meta tigi l-persuna r-Registru Pubbliku, l-informazzjoni tittiehed skont ma’ jaghmel in-‘notifier’, u jimxu fuq l-ID card.

Ghalhekk, mix-xhieda ta’ Sonia Ekezie, li hija relevanti ghal dan il-kaz, l-att tat-twelid a fol 13, Rajmondo hu indikat bil-kunjom “Grixti”, peress li d-dikjarant Toni Grixti hekk indika l-kunjom bl-“x” filwaqt li fl-att taz-zwieg tal-istess Raymondo, hu u martu Theresa u l-kunjom gie indikat bhala “Griscti” filwaqt li d-dikjarant huwa mnizzel bhala "R Grixti," Bl-istess mod, meta f’Dok G3 a fol 9 tal-process, estratt tal-att tat-twelid tan-nannu Francis Grixti, dan mhuwiex konformi ma’ dak indikat f’Dok DRP 2 u Dok G1 a fol 7, li t-tnejn huma l-att tat-twelid ta’ Antonio Griscti, u hemmhekk “Griscti” huwa indikat bl-“sc”.

Illi l-Qrati taghna ikkonsidraw talbiet ghat-tibdil fil-kunjom f'diversi okkazzjonijiet. Hekk ad ezempju, fil-kaz fl-ismijiet: **Julia Manduca et v Direttur tar-Registru Pubbliku** (App.Civ Dec. fis-27 ta' Mejju 2016) intqal:

*"Il-kwistjoni kollha f’din il-kawża hija jekk dan il-fatt jistax jiġi korreġġut abbażi tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili......Kemm qorti tasalx biex tawtorizza bdil fil-kunjom ta’ persuna jew le jidher li jiddependi sostanzjalment mill-bdil li jkun qed jintalab. Hekk per eżempju fil-kawża fl-ismijiet* ***Robert Dowling Attard v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku***[1] *il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili awtorizzat il-bdil ta’ kunjom minn “Dowling Attard” għal “Dowling” in vista tal-fatt li l-attur kien*

[1]**Robert Dowling Attard v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (P.A. 09.04.2002 – RCP)

*dejjem magħruf b'tali kunjom. Il-"bdil" tal-kunjom f'tali każ kien jirrikjedi sempliċiment it-twaqqiegħ ta' wieħed minn żewġ kunjomijiet. Fil-kawża fl-ismijiet* ***Damian Damian-Schembri v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku****,*[2] *invece, din il-qorti (diversament komposta) ċaħdet it-talba għal bdil ta' kunjom minn "Schembri" għal "Damian-Schembri". Għalkemm kien irriżulta li l-attur* (li jismu Damian) *mal-milja tas-snin beda jikteb kunjomu "Damian-Schembri", il-qorti irriteniet li ma kienx ġustifikat li hija tagħti timbru uffiċjali għal dan l-"istil" u għalhekk ċaħdet it-talba. L-istess kien ġara fil-kawża* ***Nardu Balzan Imqareb v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku***[3] *kawża fejn l-attur kien ried ibiddel kunjomu minn "Balzan" kif jidher fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu għal "Balzan Imqareb". Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet irriteniet li ma jidhirx li taħt il-liġi nostrana dak li jkun bis-sempliċi volonta` tiegħu jista' jippretendi li jbiddel kunjomu jew jesiġi ratifika anke jekk għalih isarraf bħala xi sinjal distintiv tal-identita` tiegħu."*

Gie ribadit wkoll li l-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jispeċifikax x'tip ta' "żball" jista' jiġi koreġut[4].

Illi minn ezami tad-dokumenti kollha esebiti, jirrizulta lil din il-qorti li d-diskrepanza fl-ortografija uzata bejn att u iehor, u bejn dokumenti ufficjali u l-atti tal-istat, huma spjegabbli b'riferenza ghall-isfond socjo-kulturali ta' pajjizna. Difatti wiehed mill-atti esebiti, dak ta' Antonio, (DOK DRP2) huwa

---

[2] **Damian Damian-Schembri v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (App Sup. 16.12.2003)
[3] **Nardu Balzan Imqareb v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (P.A. 30.06.2004 – PS)
[4] Dan ir-ragunament gie akkolt minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta ad ez. fil-kaz deciz fit-28-06-2016 fl-ismijiet **Peter Buhagiar et noe vs Direttur Registru Pubbliku** 1085/2015/ LSO)

redatt bil-lingwa Taljana, li ma tirrikonoxxix l-ittra "x" fl-alfabet. Min-naha l-ohra, d-dokument tax-xoghol ta' missieru Francesco (Dok G2) juri kunjomu bhala "Grixti".

Sitwazzjoni simili giet rikonoxxuta minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Jason Paul Grixti v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA (JRM) dec. fl-24 ta' Ottubru 2002) fejn il-Qorti osservat li fis-seklu li ghadda l-kitba ta' ismijiet u kunjomijiet kienet influwenzata mill-kwestjoni tal-ilsien u l-ortografija li ghandha tintuza.

Il-kunjom tar-rikorrenti huwa proprju wiehed minn dawk li f'pajjizna jippermetti ortografija differenti ghalkemm il-fonetikament iz-zewg verzjonijiet jinstemghu l-istess.[5]

Huwa evidenti li hemm diversi inkonsistenzi bejn att u iehor, u sahansitra inkonsistenza f'att wiehed minnhom, l-att taz-zwieg ta' Rajmondo Griscti. Dan indipendentement mill-perjodu ta' registrazzjoni billi, ad ezempju, fl-att tat-twelid ta' hu r-rikorrenti ahwa Griscti, Giuseppi, li twieled fl-1939, missieru Antonio huwa mnizzel bhala "Grixti" (Dok DRP3). Inoltre fl-atti tal-mewt u taz-zwieg ta' uhud mir-rikorrenti u l-familjari taghhom il-kunjom imnizzel huwa "Grixti". Dan kollu huwa kkorrobrat b'diversi dokumenti ufficjali.

Illi f'kaz bhal dan, din il-Qorti hija tal-fehma l-kunjom huwa wiehed, "Grixti" jew "Griscti", li, izda, jinkiteb diversament f'att jew iehor. Is-sitwazzjoni attwali hija ta' incertezza mhux biss ghall-membri tal-familja, imma wkoll ghas-socjeta' in

[5] Ad ez. Sciberras u Xiberras, Scerri u Xerri.

generali, fejn l-interess pubbliku jirrikjedi konsistenza fl-identifikazzjoni ta' l-isem tal-familja.

Hu pacifiku fil-gurisprudenza, specifikatament fil-kaz **Leonard Ellul sive Ellul Mercer et vs Direttur tar-Registru Pubbliku** – (PA (JRM) – 21 ta' Marzu 2002) fejn gie ribadit:

*"Illi l-bidla f'Atti tal-Istat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess ta' terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbiet ghat-tiswija jew annotazzjoni f'atti bhal dawn."*

Illi fl-ordinament guridiku taghna, l-kunjom tal-wild huwa marbut mal-kunjom tal-genituri. Fil-kaz odjern, kunjom Antonio, missier ir-rikorrenti, Carmelo, Nazzareno u Tarcisio, huwa mnizzel bhala "Griscti" fuq ic-certifikati tat-twelid taghhom, u bhala "Grixti" fuq dak ta' Rajmondo u ta' huhom Guzeppi.

Missier Antonio, Francesco, huwa mnizzel bil-kunjom "Grixti" fuq l-estratt tac-certifikat tat-twelid tieghu tieghu (korroborat bid-dokument tax-xoghol (G2) u "Griscti" fuq ic-certifikat shih.

Missier Francesco, Salvatore, huwa mnizzel bil-kunjom "Griscti" fuq l-att tat-twelid tieghu.

Imbaghad hemm proliferazzjoni ta' atti, certifikati u dokumenti fejn il-kunjom huwa "Grixti", inkluzi atti taz-zwieg u tal-mewt.

Illi din il-qorti, rinfaccjata b'tali inkonsistenza, trid, mhux biss ghall-beneficcju tar-rikorrenti, imma anke fl-interess stess tas-socjeta', jkollha certezza fil-kunjomijiet, u tagixxi biex telimina l-inkogruwenzi manifesti f'dan il-kaz.

Kif gie mgharraf fil-kaz citat ta' Jason Paul Grixti :

*"Illi, min-naha l-ohra, jekk ghat-terzi t-talba tal-attur ma huwa mahsub li tohloq l-ebda pregudizju, it-talba tal-attur hija immirata ghal beneficcju li jehilsu minn qaghda ta' inkonsistenza li tinsab fit-taghrif dokumentali ufficjali dwaru. Fi kliem iehor, ghan-nuqqas ta' pregudizzju tat-terzi persuni bl-akkoljiment tat-talba attrici, hemm beneficcju konkret ghall-istess attur jekk it-talba tieghu tintlaqa'. Dan huwa mottiv u raguni tajba bizzejjed biex l-ilment tieghu jinghata widen."*

Billi ma hemmx zball imputabbli lill-intimat, il-Qorti mhix ser taddebitah bl-ispejjez ta' din il-kawza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi**, billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet eccezzjonijiet kif spjegati fis-sentenza, tilqa' l-ewwel

eccezzjoni u tiddikjara li d-Direttur tal-Passaporti ma huwiex leġittimu kontradittur f'din il-kawza u kwindi tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju; tichad l-eccezzjonijiet rimanenti sa fejn huma inkompatibbli ma’ din is-sentenza u ghal dak li jirrigwarda t-talbiet attrici tiddisponi mill-istess billi :-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi hemm inkonsistenza u zball fil-kunjom ta' missier ir-rikorrenti kif ukoll f’dak tan-nannu patern, u dan billi gie miktub b'mod differenti fl-atti tat-twelid u taz-zwieg tar-rikorrenti;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi fejn hu miktub il-kunjom tar-rikorrenti u ta' missierhom ghandu jigi miktub bil-lingwa Maltija u cioe` "GRIXTI" u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-atti tal-istat Civili fl-elenku anness mar-rikors guramentat bhala DOK GX a fol 5 tal-process, bhala b'tali mod illi jidher il-kunjom "GRIXTI" minflok "GRISCTI";

Tichad it-tielet u l-hames talbiet u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba billi r-registrazzjoni tal-passaporti tiddependi fuq ir-registrazzjoni fl-atti tat-twelid.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b’kopja tas-sentenza ta’ din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' April 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' April 2019**